MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 402/2008

**Go plc (C 22334)**

**Vs**

**Joseph Percy Bonnici (I.D. 578159M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, erba' mija u sitta u sebghin Euro u sitta u sttin centezmu (€1,476.66) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu in-numri 21682339 u 21639452 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba u mmarkati Dok. A, B, C u D.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti illi ma setghetx issir l-affissjoni fl-indirizz indikat fuq il-karta ta' l-identita, u dan minhabba illi l-indirizz ma nstabx u ghalhekk it-Tribunal ordna n-notifika ma l-Ghassa tal-Pulizija u mall-ufficju tal-Kunsill Lokali biss, u dan skond l-Artiklu 187(3) tal-Kap. 12.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notfikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi  l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2009 mill-PL Noel Scerri u l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament, u cioe' mis-16 ta' Mejju, 2007 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------